MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2004

Numru 767/2002

**Illum 11 ta' Mejju 2004**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sharon Tanti**
**Spettur Louise Vella)**

**vs**

**Joseph Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Joseph Mifsud, 36 sena, bin Joseph u Dorothy nee` Camilleri, imwieled Floriana fit-3 ta' Novembru, 1965 u joqghod f'"Ruth" Triq ix-Xitwa Bugibba, u detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 544765 M.

Akkuzat:

Talli f'dawn il-Gzejjer, partikolarment f'Bugibba, fit-13 ta' Settembru, 2002 u matul ix-xhur precedenti, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qligh tal-prostituzzjoni ta' diversi persuni fosthom Nataliya Kolomyyets u Natalya Shkabara u dan ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Ordinanza dwar Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni, Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. zamm jew ezercita jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew local iehor jew ta' parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali u dan ai termini ta' l-Artikolu 8 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. bhala sid jew li ghandu taht idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond bl-isem Tangra Bar li hu maghruf ukoll bhala A1 Bar, fi Triq il-Gifen, Bugibba, xjentement ta' b'kiri jew ippermetta l-uzu ta' dan il-post ghal skopijiet ohra immorali u dan ai termini ta' l-Artikolu 10 tal-Ordinanza dwar Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali li bihom deherlu li mill-atti tal-kumpilazzjoni tista' tinstab htija fl-imputat u ghalhekk u ai termini tal-Artikolu tal-Ligi minnu citati baghat l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeciedi fuq il-htija jew htijiet tal-imputat.

Rat li l-imputat ma sabx oggezzjoni li l-kawza tinstema u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

Illi ai termini tal-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat huwa akkuzat taht l-Artikolu 7(i), 8(i) u 10 tal-Kap 63. Igifieri li:
- xjentement, ighix, ghal kollox jew f'parti minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta' persuna ohra;
- li zamm jew ezercita jew ikollu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokali iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;
- li bhala sid jew li kellu taht idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond iehor, xjentement, jaghti b'kiri jew jippermetti l-uzu taghhom ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali.

Huma f'dawn il-parametri li l-htija jew assoluzzjoni tal-imputat ghandha tigi ricerkata mill-provi li jinsabu migbura fl-atti.

Illi l-fatti li jemergu mill-provi jirrizultaw li huma kif ser jinghad:
a. li fit-13 ta' Settembru, 2001 fuq rapporti li wasslu lilha, l-Pulizija ghamlu irruzzjoni fil-fond bl-isem 'Tangra Bar', maghruf ukoll bhala A1 Bar, fi Triq il-Gifen, Bugibba;
b. li l-fond huwa hanut tax-xorb munit bhala bar ghat-tul u b'ambjenti ta' kmamar wara l-istess bar konsistenti f'kamrin (toilet), kamra tal-banju, zewgt ikmamar ohra adebiti bhala kmamar tas-sodda u bitha;
c. li f'xi hin qabel li l-Pulizija dahlu fil-hanut, fl-ambjenti tal-'bar' kien hemm xi ghaxar guvintur u zewg tfajliet ta' nazzjonalita barranija liema zewg tfajliet ma kienux f'dawl l-ambjenti meta l-Pulizija, ftit wara, ghamlu l-irruzjoni taghhom fil-hanut;
d. li rrizulta fir-rigward li wahda mit-tfajliet kienet f'wahda mill-kmamar tas-sodda flimkien ma' guvni iehor waqt li t-tfajla l-ohra kienet hierga mill-kamrin b'hadd jakkompanja;
e. li apparti dawn it-tlett minn nies ma kien hemm hadd iehor f'dawn l-ambjenti ta' wara l-hanut;

f. li bhala fatt l-imputat ma kienx prezenti fil-hin kemm qabel u meta saret l-irruzjoni.

Illi fil-kors tal-proceduri l-prosekuzzjoni esbeit zewg sentenzi moghtija minn dina l-Qorti diversament prseduta fil-konfront taz-zewg tfajliet. Hi l-fehma ta’ din il-Qorti li l-imsemmija zewg sentenzi ftit jaghmlu test f’dawn il-proceduri principalment minhabba li dawk il-proceduri gew decizi fuq ammissjonijiet; ma nstemghux xhieda, u gew decizi fuq akkuzi ‘generici’ konsistenti f’tlajjar u thajjir ghal skop ta’ prostituzzjoni ‘f’San Pawl il-Bahar u f’inhawi f’dawn il-gzejjer’ u mhux specifikatament fil-hanut in kwistjoni li ma rrizulta imkien. It-tfajliet in kwistjoni ma ttelux jixhdu f’dawn il-proceduri.

Illi pjuttost hi l-fehma ta’ din il-Qorti li rilevanti ghal kaz odjern, apparti l-fatti fattwali li xehdu fuqhom il-Pulizija, huma d-deposizzjonijiet tal-guvni li nstab mat-tfajla fil-kamra tas-sodda u l-persuna li kienet qed tirrimpjazza lill-imputat fil-hanut dak il-hin. Dak li jirrizulta mix-xhieda ta’ dawn iz-zewg persuni jikkorroboraw it-tieni u t-tielet akkuza.

Fil-kuntest ta’ dawn iz-zewg akkuzi din il-Qorti hi sodisfatta mill-fatt li l-hanut kien wiehed maghdud ghal skopijiet immoralili verosimilment mill-ambjenti infushom u s-sess tan-nies li kienu jiffrekwentawh u li l-imputat kien mhux biss jaf izda ppermetta l-uzu tieghu ghall-ezercizzju ta’ attijiet konessi mal-prostituzzjoni.

Rat ghalhekk l-Artikolu 8(i) u 10 tal-Kap 63 u l-Artikolu 17 tal-Kap 9. Fil-waqt li ssibu hati li: (i) zamm hanut jew ta’ parti minnu li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skopijiet immorali, u (ii) bhala l-presuna li ghandu taht idejh l-amminstrazzjoni tal-hanut, xjenetement ippermetta l-uzu ta’ dan il-post ghal skopijiet immorali, tikkundannah 15-il guranta prigunerija u multa ta’ Lm200. Tordna li mill-perjodu ta’ prigunerija jitnaqqas iz-zmien kollu li l-imputat gja ghamel taht arrest preventiv. Tilliberah mill-bqija tal-akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------